**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 ta' Gunju 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 62/2019 JPG**

**Kawza Nru.: 26**

**KV**

**Vs**

**RV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' KV, datat 6 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti izzewweg lil RV fit-3 ta' Marzu tas-sena 2001 (Vide certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok. 'A') permezz ta' rit civili u minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda wild;*

2. *Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba illi l-intimata abbandunat lil zewgha wara biss ftit jiem miz-zwieg taghhom;*

3. *Ili l-partijiet ilhom jghixu hajja separati de facto ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena u ghalhekk ma hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom;*

4. *Illi r-rikorrent gie debitament awtorizzat jipprocedi b'separazzjoni personali*

*minn ma' martu, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (kopja ta' liema digriet jinsab hawn anness u mmarkat Dok B);*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbilitli porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorendo bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun hem mil-htiega u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

2. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrent;*

5. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mil-komunjoni tal-akkwisti;*

6. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati

skond il-liġi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata ma ntavolat ebda risposta u naqset milli tidher, ghalhekk hija kontumaci. Di piu rat il-fakolta moghtija lilha minn din il-Qorti sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158 (10), Kap 12; Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti; (vide fol 56);

Rat illi l-attur rregola ruhu rigward ostakoli procedurali u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (Vide fol 56);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**attur KV xehed viva voce** nhar id- 9 ta' Dicembru 2019 (vide fol 20 et seq) illi hu sar jaf lil martu *tramite* xi hbieb tieghu xi sbatax (17) –il sena ilu. Izid illi hu kien imwieghed xi flus, dahal f'dan iz-zwieg mhux ghax kien ihobb lil intimata izda ghal flus stante li fil-passat huwa kien jaghmel uzu mid-droga u li kien jigi ghal idejh kien jaghmlu. Mistoqsi kif kien ser jakkwista l-flus, spjega illi ma kienx qaghad jidhol fid-dettall izda assuma li kienet ser ittihomlu l-intimata, u li hu ghamel uzu minnha kif ghamlet uzu minnu hi. Mistoqsi kif uzatu martu, u jekk hux ghal passaport, iwiegeb illi huwa hekk jahseb u li dak iz-zmien huwa haga wahda kien jara: id-droga. Mistoqsi jekk effettivament kienx ha flus, jikkonferma li kien ha madwar hames mitt lira Maltin (LM500) u li dawn il-flus intefqu fuq l-eroina.

Mistoqsi jekk qabel id-data taz-zwieg huwa iltaqghax ma' martu, jispjega li ma jiftakarx ezatt kemm kien iltaqgha maghha qabel, imma li jahseb li kien hemm xi xhur peress li riedu jsiru l-arrangamenti necessaru mal-Ufficju tar-Registru, peress li zzewwgu bic-civil stante li hija Musulmana u mhux Kattolika. Mistoqsi jekk kienux ghexu flimkien, l-attur jikkonferma li hu u martu qatt ma ghexu taht l-istess saqaf u li filfatt huwa dejjem baqa jghix mal-genituri tieghu f'Santa Lucija anke wara z-zwieg u meta ma kienx jghix mal-genituri tieghu, dan gara il-ghaliex kien wehel il-habs, fejn ghamel perjodu ta' tlett snin circa, diehel u hiereg mill-habs. Filfatt isostni illi martu kienet tghix flimkien ma' ohtha, u li darba kien ghenhom biex igorru l-affarijiet taghhom minn San Pawl il-Bahar ghax-Xemxija. Illi maghhom dakinhar kien hemm ukoll il-

persuna li qaghdet xhud. Illum il-gurnata, l-attur jixhed illi huwa qieghed jahdem il-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid u li ormai ilhu jahdem hemm madwar erba' (4) snin u ghadu jghix mal-genituri tieghu u li ilhu ma jabbuza mid-droga madwar hames (5) snin. Izid illi l-ahhar li kien kellem lil intimata kien dak il-habta li zzewwgu fejn kienu ghamlu riceviment, u meta kien mar jghinhom igorru izda lanqas jaf jekk kinitx qabel jew wara z-zwieg. Jirrileva illi hu kien jghix ghal rasu kif kienet tghix ghal rasha l-intimata, u li mobile taghha ma kellux. Jikkonferma wkoll illi z-zwieg qatt ma gie konsumat.

**Doris Fenech Assistent Registratur Qrati Kriminali Xehdet nhar it- 2 ta' Marzu 2020 (a fol 27 et seq)** fejn esebiet tlett sentenzi moghtija fil-konfront tal-attur KV, moghtija nhar l- 24 t'April 2003, 28 t'April 2008 u 1 ta' Dicembru 2015, it-tlieta mill-Qorti tal-Magistrati diversamenti preseduta u mill-liema sentenzi ma kien hemm l-ebda appell.

**Omm l-attur, MV Xehdet permezz ta' affidavit (**a fol 39 et seq) tal-process, fejn spjegat illi l-attur ormai ghandu sebgha u erbghin sena (47) u li minn dejjem ghex maghha. Izzid illi kien hemm perjodu fejn binha qabad triq hazina minhabba l-vizzju tad-droga u kien anke ghamel xi zmien il-habs f'Kordin, izda llum huwa clean mid-droga u ilhu clean ghal ftit iktar minn hames snin. Xehdet li llum il-gurnata ghandu impjieg fiss mal-Kunsill ta' Rahal Gdid. Meta zzewweg, hi saret taf b'dan ftit jiem qabel izzewweg u li filfatt hi kienet ihasdet ghaliex binha ma kienx taz-zwieg u hi lanqas qatt ma kienet iltaqghat ma' martu. Tikkonferma illi sal-lum hija qatt ma ratha u qatt ma kellmitha. Tirrileva illi dak iz-zmien ma tant setghat tirraguna ma binha u minkejja li pruvat tiftahlu ghajnejh li kien ser jaghmel zball, huwa ddeciedha li jizzewweg xorta u ma setghatx twaqfu. Fiflatt izzid illi hi ma kinitx prezenti fit-tieg u mill-familja ma kien attenda hadd. Tikkonferma illi wara li zzewweg xorta baqa' jghix maghha, u kien jorqod u jqum kuljum ghandha, hlief ghal dak il-perjodu li kien qieghed jiskonta s-sentenza gewwa l-habs.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti tosserva illi c-cirkostanzi li fih gie kontrattat dan iz-zwieg huma kemm xejn partikolari, stante li jidher li l-partijiet sfruttaw lil xulxin bl-ghan li l-intimata tipprova tikseb cittadinanza Maltija, filwaqt li l-attur kif jirrileva huwa stess ex admissis ggwadanja ta' hames mitt Lira Maltin (LM 500) sabiex jiffinanzja l-vizzju tad-droga. Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu fit-3 ta' Marzu 2001 fir-Registru Pubbliku ta' Malta u z-zwieg taghhom huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 56/2001 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4.*

Il-Qorti tosserva illi l-konvenuta hija kontumaci, u ghalkemm inghatat l-opportunita' li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Ligi, hija baqghet inadempjenti.

Illi mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur jirrizulta illi minkejja li gie kontrattat zwieg bejn il-partijiet, qatt ma kien hemm hajja konjugali bejniethom. Kif xehed l-attur huwa iltaqgha mal-intimata ghall-ewwel darba possibbilment ftit xhur qabel it-tieg bl-ghan li jsiru l-formalitajiet necessarji sabiex huma setghu zzewwgu bic-civil. Kif jikkonferma l-attur stess *ex admissis* dak iz-zmien kien mohhu biss fid-droga u kien jaghmel minn kollox sabiex ikun f'qaghda li jiffinanzja dan il-vizzju. Illi dan kollu huwa ukoll korraborat minn omm l-attur li tispjega li minkejja li hija kienet konsapevoli ta' dan iz-zwieg, binha dejjem baqgha jghix maghha ghajr

ghal perjodu li fih kien qieghed jiskonta sentenza gewwa l-habs f'Kordin.

Illum il-gurnata, jidher li l-attur ghandu impjieg fiss u li ormai ilhu jahdem mal-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid madwar erba (4) snin u ghadu jghix mal-genituri tieghu. Sostna li ilhu ma jabbuza mid-droga ghal madwar hames (5) snin. Kif jirrizulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur, jidher li l-ahhar kuntatt li kellu mal-intimata kien ghall-habta li zzewwgu fejn kienu ghamlu riceviment, u meta kien mar jghin lill-intimata u lill-ohta igorru. Ulterjorment, mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur jirrizulta li l-partijiet la qatt ghexu ta' mizzewgin u ulterjorment, dan iz-zwieg qatt ma gie konsumat.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan iz-zwieg kien biss messa in xena bl-ghan li l-intimata tipprova tikseb cittadinanza Maltija permezz taz-zwieg taghha mal-attur, b'dana illi qatt ma kien hemm hajja konjugali bejn il-partijiet.

Mill-aspett proceduralі, il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm il-partijiet ilhom ormai zmien twil isseparati *de facto*, il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali. Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'dawna l-proceduri ghad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat erbgha (4) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019)[1] fejn gie dikjarat li l-medjazzjoni nghalqet stante li l-partijiet ma lahqux ftehim u awtorizzathom jipprocedu b'kawza. Il-Qorti rat ukoll illi l-ostakoli procedural indikati mill-istess Qorti gew indirizatti mill-attur u li din il-Qorti kif diversament preseduta permezz tad-digriet taghha tal 14 ta'Dicembru 2020 laqghet it-talba tal-istess. *(Vide vera kopja tar-rikors datat 16 ta'Novembru 2020 u d-digriet korrispondenti datat 14 ta' Dicembru 2020 a fol 52 tal-process.)*

Illi jirrizulta wkoll mill-atti esebiti li l-attur minkejja tardivament, ottempera ruhhu mad-dispozizzjonijiet tal-artiklu 66G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat ukoll in-nota esebita mill-avukat difensur tal-attur a fol 51 ai termini tal-artikolu 66G tal-Kap 16 li jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti -(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta'rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-***

[1] Vide digriet a fol 7

***persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju…***

***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali, li jirregolaw l-andament xieraq tal-kawzi, il-formalizmu eccessiv ghandu, kemm jista' jkun, jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

Illi pero l-analisi dwar jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw, ghandhomx jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza, ghandu jkun wiehed oggettiv. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta' gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[2] u ta' dak li xehed l-attur, tikkunsidra illi t-tardivita' tal-prezentata tan-nota in kwistjoni, ma tintralcjax il-process gudizzjarju odjern jew tohloq pregudizzju lill-partijiet. Ghaldaqstant, tali tardivita' ***wahidha***[3] m'ghandhiex tipprekludi lill-Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi ma gew mressqa l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti hija moralment konvinta li jezistu r-rekwiziti necessarji indikati fl-artikolu 66B tal-Kap 16 sabiex jigi ordnat il-hall taz-zwieg tal-kontendenti.**

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

[2] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

[3] Enfazi tal-Qorti.

Il-Qorti tosserva illi provi dwar il-konsistenza tal-kontumacja tal-akkwisti huma skarsi mmens. Illi madanakollu, mix-xhiedha mhux kontradetta tal-attur u dik ta' ommu, jirrizulta illi gialadarba l-partijiet effettivament qatt ma taw bidu ghall-hajja konjugali ta' bejnithom bhala kopja u l-fatt li l-attur dejjem baqa jghix ghand ommu, ghajr ghal perjodu li ghamel gewwa l-facilita' korrettiva ta' Kordin, huwa inverosimili illi l-kontendenti kellhom u/jew ghandhom propjeta in komuni.

Ciononostante, il-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet, izda jidher li ma hemm l-ebda assi mizmuma in komuni u li l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward fil-konfront ta' xulxin, u jirrinunzjaw ghal kwalsiasi dritt jew dmir naxxenti mill-istitut taz-zwieg.

In *ogni caso* din il-Qorti, ghal kull buon fini, tordna illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehudha mill-partijiet qabel u/jew wara iz-zwieg ghandhom jibqghu intestati f'isem assolut ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti minnhom ghandhom jitqiesu bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun il-kont bankarju. Illi kwalunkwe akkwisti li sehhew wara li gie kontrattat iz-zwieg, dawn jappartjenu unikament lil dik il-parti li tkun ghamlet dan l-akkwist. Ulterjorment, stante li l-attur ma addebita l-ebda kawzali ohra kontra l-konvenuta bhala htija ghat-tifrik taz-zwieg, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, u 51 sa 55 ma japplikawx.

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi**:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u fic-cirkostanzi tordna illi kwalunkwe kontijiet bankarji, vetturi, akkwisti jew assi ohra ghandhom jibqghu jappartjenu lill-parti li f'isimha ikunu intestati u/jew lil dik il-parti li tkun ghamlet l-akkwist;**

2. **Tilqa' it-tieni talba attrici u tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien moghti mil-Ligi, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 56/2001;**

3. **Tichad it-tielet talba stante li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, u 51 sa 55 ma japplikawx.**

4. **Tilqa` ir-raba talba u tiddikjara li l-partijiet qeghdin jiddekadaw minn kull dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li din giet sorvolata fl-ewwel decide.**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li din giet sorvolata fit-tieni decide.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**